MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 60/2011/1

**Olaf Cini**

**v.**

**Ir-Repubblika ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija; u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2011 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti, minn zewg sentenzi preliminari moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, wahda fit-28 ta' Novembru 2011 u l-ohra fl-20 ta' Marzu 2013.

2. Permezz tal-ewwel sentenza dik il-qorti laqghet l-eccezzjoni tal-intimati fis-sens li “ir-Repubblika ta’ Malta” ma kellhiex *locus standi* f’dawn il-proceduri, u r-rapprezentanza tal-Istat f’dan il-kaz kienet vestita fl-Avukat Generali. Rizultat ta’ din is-sentenza gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali, u gie konsegwenzjalment aggustat l-okkju tal-kawza.

3. Permezz tat-tieni sentenza dik l-istess qorti ddeklinat milli tezercita s-setgha *taghha “ai termini tal-artikolu 4[2] tal-Kap.319.”*

4. F’dan l-istadju huwa opportun li jigi spjegat li, permezz tal-proceduri kostituzzjonali odjerni, ir-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq skont l-Artikoli 39 [1] u 39 [6][b] tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6[1], 6 [3][b] tal-Konvenzjoni, b’referenza ghat-<u>tieni sentenza</u> [moghtija fit-26 ta’ Awwissu 2010] tal-Qorti tal-Magistrati; kif ukoll tad-dritt tieghu li ma jinstabx hati ta’ reat li ma kienx reat fiz-zmien meta gie kommess, jew jinghata piena akbar minn dik applikabbli f’dak iz-zmien, skont l-artikolu 39 [8] tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 7[1] tal-konvenzjoni, b’referenza ghall-<u>ewwel sentenza</u> [moghtija fit-18 ta’ Novembru 2009] tal-istess Qorti tal-Magistrati.

5. Bir-rikors tal-appell tieghu, ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenzi, u tirrinvija l-kawza odjerna quddiem l-ewwel qorti sabiex tismaghha fil-meritu jew fin-nuqqas, tipprocedi sabiex tiddeciedi fuq il-meritu hija stess, bl-ispejjez.

6. Fir-risposta tieghu, u ghar-ragunijiet hemm indikati, l-Avukat Generali talab li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

**<u>Il-Fatti</u>**

7. Fil-meritu, dan l-appell jikkoncerna zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali:

8. L-ewwel wahda fl-ismijiet ***Il-Pulizija [Spettur Carmel Bartolo] vs Olaf Cini***, deciza fit-18 ta' Novembru 2009, u konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju 2010, li permezz taghha r-rikorrent, allura akkuzat, nstab hati tar-reat ta' kalunja fit-termini tal-Artikolu 101[1][b] tal-Kap. 9, kif ukoll talli kien recidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50, u gie kundannat ghal piena ta' disa' xhur prigunerija u interdizzjoni generali ai termini tal-Artikolu 109 tal-istess kap. ghal perjodu ta' hames snin.

9. Ir-rikorrenti kien appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u bbaza l-appell tieghu fuq tlett aggravji: l-ewwel zewg aggravji kienu jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel qorti, filwaqt li t-tielet aggravju kien jirrigwarda l-ghazla tal-piena inflitta fuq ir-rikorrent, allura akkuzat. Il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet dawn l-aggravji, fl-ewwel lok ghax ma rrizultax li l-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlet apprezzament hazin tal-provi, u fit-tieni lok peress li dik l-istess qorti kellha ragun li tiskarta l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, propost mir-rikorrent.

10. It-tieni sentenza fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Ivan Cilia] v. Olaf Cini** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta' Awissu 2010, li permezz taghha r-rikorrent, allura akkuzat, instab hati, fuq ammissjoni bikrija tieghu tar-reati ta' approprijazzjoni indebita u frodi b'ghemil qarrieqi ai termini tal-Artikoli 293, 308, 309, 310[1][a] tal-Kap. 9, kif ukoll ai termini tal-Artikolu 18, u tar-recidivita` skont l-Artikoli 49 u 50, u gie kkundannat ghal piena ta' erba' snin prigunerija.

11. Ir-rikorrent jghid li hu ma appellax minn din is-sentenza, peress li kien gie zgwidat mill-Ispettur Ivan Cilia meta dan qallu li la darba kien ammetta l-akkuzi, ma setax jappella.

**<u>L-Appell</u>**

12. Illi qabel xejn, tenut kont li l-okkju tal-appell odjern ma jirriflettix fedelment l-okkju tas-sentenza appellata, din il-

Qorti permezz tal-gudizzju odjern qed tordna li l-okkju tal-appell jigi aggustat billi minnufih wara l-indikazzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jizdied is-segwenti: "u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2011 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali".

13. Illi r-rikorrent ressaq erba' aggravji: wiehed li jikkoncerna s-sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 2011, filwaqt li t-tlett aggravji l-ohra jikkoncernaw is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2013.

*L-ewwel aggravju*

14. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin meta laqghet l-eccezzjoni tal-intimati li hi fis-sens li r-Repubblika ta' Malta ma kellhiex *locus standi*, izda, fic-cirkostanzi, kien l-Avukat Generali li kellu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern tenut kont li l-lanjanzi kostituzzjonali kienu diretti lejn l-operat tal-qrati.

15. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha dwar din l-eccezzjoni wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

.........................................omissis

....................................

"Illi l-ewwel eċċezzjoni hija dwar jekk ir-Repubblika ta' Malta kellhiex tiġi ċitata kif sar f'dawn il-proċeduri u jekk allura kienx l-Avukat Ġenerali li jiġi ċitat f'dawn l-istess proċeduri. L-Artikolu 181 B (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

"*L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u azzonijet ġudizzjarji li minħabba in-natura t-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew iktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

"Illi ma hemmx dubju li l-liġi riedet permezz ta' dan is-subartikolu timla vojt li kien jeżisti qabel meta xi ħadd ried iressaq kawża kontra l-Gvern, kompriżi dawk Kostituzzjonali. Prattikament f'kull kawża kienet titqajjem l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur. Allura l-leġislatur ħaseb biex mela dan il-vojt billi akkorda lill-Avukat

Ġenerali r-rappreżentanza tal-Gvern fil-kawżi msemmija. Infatti s-sub-inċiz (1) tal-Artikolu ċitat jgħid li rrappreżentanza tal-Gvern f'kawża għandha tkun fil-Kap tad-Dipartiment konċernat u huwa fejn dan ma jistax isir li allura t-talba għandha ssir fil-konfront tal-Avukat Ġenerali.

"Il-Qorti jidhrilha li minn dan l-artiklu huwa ċar li azzjoni kontra l-Gvern għandha ssir preferibbilment kontra l-Kap tad-Dipartiment fejn huwa ċar liema dipartiment qed jiġi ċitat u fejn dan ma hux possibbli kontra l-Avukat Ġenerali. Għalhekk ma ssirx kontra r-Repubblika ta' Malta. Lanqas is-sentenzi tal-Qorti li qed jattakka r-rikorrenti m'għandhom din in-nomenklatura bħala parti; forsi kieku l-Qorti kien ikollha ħsieb ieħor. Għalhekk l-eċċezzjoni hija ġustifikata."

..........................................omissis
....................................

16. Ir-rikorrent hassu aggravat minn din id-decizjoni. Hu fisser hekk l-aggravju tieghu
".... peress li qed tintalab anke c-censura ta' pronunzjamenti gudizzjarji, il-qrati li ppronunzjawhom ma jistghux jigi ewkiparati ma' dipartimenti tal-gvern kif l-ewwel Onorabbli Qorti effettivament ghamlet. Tali ekwiparazzjoni tmur ghal kollox kontra d-dottrina tas-separazzjoni tal-poteri, u anke l-istess Kostituzzjoni tiddemarka bl-aktar mod car id-differenza bejn l-esekuttiv u l-fergha gudizzjarja tal-Istat. Ghalhekk, l-Avukat Generali qatt ma jista' jirrapprezetna lil qrati f'dawn l-atti u hija r-Repubblika ta' Malta l-legittimu kontradittur."

17. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern, f'sens wiesa ta' Stat, hija specifikatament regolata bl-Artikolu 181B fuq citat. Il-legislatur ried li jinvesti din ir-rapprezentaza fil-kapijiet tad-dipartimenti koncernati u, f'kaz li l-atti jew l-azzjonijiet gudizzjarji, minhabba n-natura taghhom ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment, allura r-rapprezentanza hija vestita fl-Avukat Generali. Dan hu dak li ried il-legislatur, u dan hu dak li tghid il-ligi. Li kieku l-legislatur ried mod iehor, ma kien

hemm xejn xi jzommu milli jillegisla mod iehor: *quod lex voluit lex dixit*.

18. Kif osservat din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza **Anthony Aquilina v. ir-Repubblika ta' Malta** deciza fl-24 ta' Gunju 2011, b'referenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawza **George Xuereb v. Registratur tal-Qrati** et deciza fit-8 ta' Novembru 2001:
".......... fis-sistema guridika taghna huwa r-ram ezekuttiv tal-Gvern – il-kelma "Gvern" mifhuma fis-sens wiesgha ta' "Stat" li jidher kemm f'kawzi penali, kif ukoll kawzi civili, inkluz dawk kostituzzjonali, u in fatti huwa dan ir-ram ezekuttiv tal-Gvern li jinsab f'pozizzjoni li jista' jaghti rimedju effettiv f'kaz li wiehed mir-rami l-ohra ikun b'xi mod naqas, huwa wkoll ir-ram ezekuttiv li ghandu l-mezzi biex jista' jassigura li sa fejn hu possibbli,iz-zewg rami l-ohra ma jagixxux b'mod li jigu lezi d-drittijiet ta' terzi."[1]

19. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat, u l-imsemmija sentenza qeda tigi konfermata.

*It-tieni aggravju*

20. Dan, u l-aggravji sussegwenti, jirrigwardaw is-sentenza moghtija fl-20 ta' Marzu 2013 li permezz taghha l-ewwel qorti ddeklinat milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha ai termini tal-Artikolu 4[2] tal-Kap. 319. Hija waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-ewwel eċċezzjoni hija li l-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha ai termini tal-Artikolu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 stante li r-rikorrenti qed jadopera proċedura stroardinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu.

"Illi din l-eċċezzjoni qed issir peress li r-rikorrent fir-rigward taż-żewġ lanjanzi tiegħu qiegħed jallega li ġew leżi ddrittjietkosituzzjonali tiegħu fir-rigward ta' żewġ

---

[1] Pga.26 - Sottolinear ta' din il-Qorti; Ara ukoll ***Q. Kos. Joseph Abela v. Onorevoli Prim Ministru*** deciza 7 ta' Dicembru 1990.

proċedimenti kriminali deċiżi t-tnejn li huma mill-Qorti tal-Maġistrati, u fiż-żewġ każi għalkemm huwa seta' naturalment jappella minn dawn minnhom huwa naqas li jagħmel dan. Allura l-intimati qed jeċċepixxu illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors ai termini tal-proviso wara l-artikolu 46 (2) tal-kostituzzjoni u dak 4 (2) tal-Kap. 319.

"Illi l-proviso indikat mill-intimati jgħid eżattament illi:

*"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."* (46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 jgħidu l-istess ħaġa).

..........................................omissis
....................................

"Illi issa fil-każ in eżami r-rikorrenti indubbjament kellu rrimedju tal-appell disponibbli għalih u fiż-żewġ okkażjonijiet huwa għażel li ma jagħmilx dan. Għalkemm fit-tieni sentenza kontestat ("Pulizija – Spettur Ivan Ċilia vs Olaf Ċini") huwa ukoll minnu li ma kellux assistenzalegali, jirriżulta mill-provi li l-Maġistrat sedenti kienet wissietu li seta' jkollu assistenza legali iżda huwa liberament għażel li jammetti l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ma jkollux assistenza. Oltre dan dik ma kienitx lewwel darba li huwa kellu proċedimenti legali kriminali filkonfront tiegħu u allura kien jaf is-sinifikat tal-proċedura li kienet għaddejja. Il-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni fil-każ in kwistjoni hija fondata u għandha tiġi akkolta. Wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu nvokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta jsemmu mezzi li kienu disponibbli u allura anke jekk kien hemm mezzi li kienu disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom disponibbli, il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. F'dan il-każ ċertament il-Qorti tħoss li jkun abbuż mill-proċeduri kostituzzjonali jekk l-ilmenti tar-rikorrent jiġu nvestigati meta huwa ħalla x-

xhur (kważi sentejn) jgħaddu qabel intavola dawn il-proċeduri meta kellu l-opportunita’ javvanza l-lanjanzi tiegħu fi stadju ta’ appell u din lopportunita’ ma ħadhiex.

“Illi stabbilit dan ma hemmx lok li l-Qorti tikkunsidra leċċezzjonijiet
l-oħra.”

.........................................omissis
....................................

21. Il-Qorti tqis dan l-aggravju bhala wiehed manifestament fieragh, u dan, ghas-segwenti ragunijiet. Fl-ewwel lok, jigi osservat li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant, il-procedura kontemplata fil-kapovers tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, hija ta’ ordni pubbliku, intiza sabiex jigi evitat rikors bla bzonn ghal proceduri kostituzzjonali – li minnhom infushom huma ta’ natura straordinarja – f’dawk il-kazijiet fejn ikun jezisti rimedju ordinarju adegwat u effettiv. Il-ligi ma tissoggettax l-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu ghal xi talba maghmula mill-parti izda thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddecidi hi anke *ex officio* tezercitax jew le s-setgha taghha taht dan il-provvediment jekk thoss li jkun hekk desiderabbli.

22. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li, ghalkemm fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel qorti semmiet ukoll l-artikolu kostituzzjonali, imma, fil-parti dispozittiva tas-sentenza, li allura minnha qed isir l-appell odjern, hija espressament indikat li d-decizjoni taghha kienet qed tittiehed fit-termini tal-artikolu konvenzjonali, u ma ndikatx l-artikolu kostituzzjonali.

23. Ghalhekk dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

*It-tielet aggravju*

24. Dan l-aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti kienet superficjali fl-ezami taghha tal-kaz meta waslet ghad-decizjoni taghha, tant li, jghid ir-rikorrent, dik il-qorti ma ndunatx li minn wahda mis-sentenzi kien fil-fatt sar appell.

25. Dan l-aggravju jirreferi ghall-ewwel sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistati fit-18 ta' Novembru 2009, li giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju 2010.

26. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent fir-rigward jghid li kien hemm fil-konfront tieghu vjolazzjoni tal-Artikoli 39 [8] tal-Kostituzzjoni u 7 [1] tal-Konvenzjoni, peress li, skont hu, ir-reat li ghalih kien instab hati, ma kienx gie kommess f'Malta, izda barra minn Malta.

27. Din il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-akkuza ta' kalunja li taghha nstab hati r-rikorrent tirreferi ghal artikolu li hu kien kiteb fuq gurnal lokali, il-fatt lampanti u konspikwu hu li, dan l-ilment ma jikkonfigurax fl-aggravji li tressqu minnu fl-appell tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Quddiem dik il-Qorti, huwa illimita l-appell tieghu ghal tliet aggravji li, tnejn minnhom jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti tal-Magistrati, filwaqt li t-tielet aggravju jirrigwarda l-ghazla tal-piena inflitta fuqu. Fl-ebda stadju tal-proceduri ma tressaq l-ilment li r-reat ma kienx gie kommess f'Malta, u huwa f'dan is-sens li ghandha tigi interpretata dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti fejn jinghad li, ghalkemm *"ir-rikorrent indubbjament kellu r-rimedju tal-appell disponibbli ghalih u fiz-zewg okkazzjojnijiethuwa ghazel li ma jghamilx dan."* Fil-fatt ir-rikorrent, ghalkemm appella fuq aspetti ohra tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, ma semma' xejn, u ghalhekk ma appellax, fuq l-ilment tieghu li qed iqajjem f'dawn il-proceduri kostituzzjonali u li ghalih kien jezisti manifestament rimedju disponibbli ghalih.

28. Illi f'dan l-aggravju, ir-rikorrent irrefera wkoll ghall-kumment maghmul mill-ewwel Qorti, fis-sens li hu kien halla jghaddi perjodu ta' kwazi sentejn sabiex iressaq il-proceduri odjerni *"meta kellu l-opportunita` javvanza l-lanjanzi tieghu fi stadju ta' appell".*[2] Din il-Qorti tosserva li jirrizulta car li din il-parti tas-sentenza ghandha tinftihem fis-sens li, ghalkemm kien disponibbli ghar-rikorrent ir-rimedju ordinarju tal-appell, izda dana mhux biss halla z-

[2] It-tieni sentenza – 28 Marzu 2013, pga.21

zmien preskritt ghall-appell jiddekorri, imma halla hafna aktar minn hekk qabel ma ddecieda li jistitwixxi l-proceduri odjerni. Il-fattur tat-traskors tal-perjodu ta' kwazi sentejn huwa incidentali, filwaqt li dak tat-traskors inutili tal-perjodu preskritt mil-ligi ghall-appell, jifforma l-bazi tal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti.

29. Finalment, rigward is-sottomissjoni maghmula mir-rikorrent li hu ma setghax *"jorganizza l-pozizzjoni legali tieghu"* minhabba li f'dak il-perjodu huwa kien il-habs, il-Qorti tosserva li din hija asserzjoni gratuwita, u legalment u fattwalment insostenibbli. Hija legalment insostenibbli ghax skont il-ligi r-rikorrent, minkejja li kien il-habs, dejjem kellu dritt ghall-ghajnuna legali, u opportunita` li jikkonsulta ma' avukat; hija fattwalment insostenibbli ghax mill-provi ma rrizultax li huwa kien fil-fatt talab ghal ghajnuna legali, wisq anqas li din kienet giet rifjutata lilu.

30. Anzi mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Awissu 2010 fil-kawza **Il-Pulizija [Spettur Ivan Cilia] v. Olaf Cini** deciza fis-26 ta' Awissu 2010, u cioe` meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ir-rikorrent, qabel ma rregistra *"ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu"* iddikjara *"li mhux bi hsiebu jinkariga avukat biex jassistih f'dawn il-proceduri"*. Ma' dan jizdied li mill-verbal jirrizulta wkoll li wara l-ewwel ammissjoni tieghu dik il-qorti pposponiet il-kawza sabiex taghtih *"zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu",* izda mandakollu, huwa rega' rriafferma l-ammissjoni.

31. Il-premess juri, mhux biss li l-ammissjoni tieghu ma kienitx limitata ghall-fatt li hu kellu d-dejn ma diversi nies, imma kienet ammissjoni *"ghall-akkuzi"* dedotti kontra tieghu. Ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu kien ammetta biss ghall-fatt tad-dejn civili, u mhux ghar-reati kriminali, hija gratuwita u kontradetta mill-provi.

32. Ghalhekk, filwaqt li l-osservazzjonijet maghmula mir-rikorrent fuq l-ewwel Qorti huma nfondati u ngusti, dan l-aggravju huwa manifestament bla bazi.

*Ir-raba' aggravju*

33. Dan l-aggravju huwa konness mat-tieni aggravju, stante li r-rikorrent ikompli jsostni li l-ewwel Qorti hadet id-decizjoni taghha b’leggerezza.

34. Jghid ukoll:

“Ovvjament, jekk wiehed ghad ghandu rimedju ordinarju ghad-dispozizzjoni tieghu, allura m’hemmx lok li wiehed jirrikorri ghar-rimedju straordinarju, imma jekk ir-rimedju ordinarju m’ghadux disponibbli, kien il-kaz odjern, allura l-ewwel [Qorti] kellha tasal ghall-konkluzjoni differenti, u mhux tiggustifika l-konkluzjoni taghha bil-fatt illi l-appellant kellu rimedji ordinarji imma naqas li jezercitahom”

35. Dan l-aggravju huwa priv minn kull bazi legali, u jmur kontra l-ispirtu u l-kelma tal-Artikolu 4[2] tal-Kap. 319 li jaghti s-setgha lill-qrati vestiti b’gurisdizzjoni kostituzzjonali li jiddeklinaw li jezercitaw l-gurisdizzjoni taghhom kemm-il darba jkun jezisti rimedju ordinarju jew jekk tali rimedju kien disponibbli taht il-ligi ordinarju u ma uzawhx. Din is-setgha hija diskrezzjonali, u sakemm ma jirrizultax b’mod manifest li l-ewwel Qorti ezercitatha erroneament ghad-dannu tar-rikorrent, allura d-decizjoni ta’ dik il-qorti m’ghandhiex tigi disturbata.

36. Kif osservat din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza **Paul Mckay v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza fid-9 ta’ Ottubru 2001:

“Huwa evidenti mill-kliem tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni illi r-rimedju li ghalih hemm riferenza huwa dak ir-rimedju li seta’ ma kienx ghadu ezistenti meta tigi istitwita l-azzjoni kostituzzjonali imma li kienet disponibbli fi kwalunkwe kaz ghar-rikorrent f’xi zmien antecedenti u rrikorrent ma jkunx ghamel uzu minnu.” [pga.19]

37. Jigi osservat li l-iskop tal-imsemmi artikolu, u senjatament il-proviso tieghu, huwa proprju sabiex jigi affermat il-principju li bhala regola, qabel ma jsir rikors ghar-rimedju straordinarju kostituzzjonali, ghandhom l-ewwel jigu ezawriti r-rimedji ordinarji kollha, u dan sabiex

jigu evitati kawzi kostituzzjonali inutili u bla bzonn fejn kien jezisti rimedju ordinarju ghar-rikorrent ghas-salvagwardja tad-drittijiet tieghu.

38. F’dan il-kaz, mill-provi jirrizulta car li  r-rikorrent ma appellax mis-sentenza moghtija kontra tieghu, u halla l-perjodu tal-appell jghaddi inutilment.  Inoltre, l-allegazzjoni tieghu li hu ma appellax ghax kien gie zgwidat mill-Ispettur Ivan Cilia dwar id-dritt tieghu li jappella tinsab kontradetta mix-xhieda ta’ dan fejn, ghad-domanda tad-difensur tar-rikorrent jekk wara l-ghoti tas-sentenza kienx sar xi diskors dwar jekk ir-rikorrent setax jappella jew le, dan ix-xhud irrisponda *“Mhux min-naha tieghi, zgur li le”*.

39. Jidher li l-ewwel Qorti ma haditx bhala veritiera l-verzjoni tar-rikorrent fir-rigward, tant li waslet ghall-konkluzjoni li r-rikorrent kellu disponibbli ghalih rimedju ordinarju li hu ghazel li ma juzax.

40. In fine, jigi osservat li, il-fatt li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma elaboratx fuq il-lanzjanzi kollha tar-rikorrent, ma jfissirx li dawn ma gewx kunsidrati minnha.

41. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------